# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 24 ta' April, 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Arthur Mercieca)**

**vs**

**Joseph Camilleri**

**Kumpilazzjoni Nru: 506/2016**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Joseph Camilleri detentur tal-Karta ta' l-Identita' Maltija numru 564088(M).

Akkuzat talli bejn l-20 u s-27 ta' Frar 2014 gewwa San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta' diversi oggetti ghad-dannu ta' Dylan Farrugia u jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elfejn u mitejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€2239.24), aggravat bil-mezz, bil-lok u bil-hin.

U aktar talli matul ix-xahar ta' Frar 2014 u fix-xhur ta' wara gewwa dawn il-gzejjer xjentament laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda

b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew, xjentament, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuni sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dikjarazzjoni ta'l-ufficjal prosekutur li t-tieni imputazzjoni dwar ricettazzjoni ngiebet bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni dwar serq.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-ewwel imputazzjoni, din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi t-tieni imputazzjoni dwar ricettazzjoni ngiebet bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni dwar serq, il-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat, u min-naha l-ohra l-ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali kwazi netta ta' l-imputat. Hadet in konsiderazzjoni ukoll ic-cirkostanzi personali ta'l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(e)(f), 263, 264, 267, 269 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-ewwel imputazzjoni u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tmintax il-xahar bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment, in oltre u

b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat biex fi zmien sena jhallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' hames mija tlieta u tlettin Euro u erbgha u sebghin centezmu (€533.74) rapprezentanti spejjez rinkorsi mal-hatra ta' esperti.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta'l-ufficju tal-probation.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**